Tender documents are also obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana VLT 2000, Malta, Tel:- (0356) 21 220 212, Ext.: 128 on any working day between 8.30 a.m. and noon. A Bank of Valletta point-of-sale system (EPOS) is also available for the payment of tender documents.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

It-2 ta' Diċembru, 2008

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII tal-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

It-2 ta' Diċembru, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 224/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2430/2008. 3D Documentation tal-kumpless ta' taħt l-art tal-Ipoġew ta' Ħal Saflieni – Heritage Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija ko-finanzjata minn għotja ta' fondi min-Norveġja taħt il-Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja.

(*Budget* Stimat: €82,600.00 inkluża l-V.A.T.).

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi hawn fuq hi t-TLIETA, id-9 ta' Diċembru, 2008 u mhux kif ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-ĠIMGĦA, is-17 ta' Ottubru, 2008.

It-2 ta' Diċembru, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Dan huwa BISS *PRIOR INFORMATION NOTICE*
għall-KUNTRATT TA' SERVIZZI

Huwa ppjanat li tiġi ppubblikata offerta madwar Jannar 2009 għall-provvista ta' servizzi ta' trasport bil-vapur bejn Malta u Għawdex – Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni.

It-2 ta' Diċembru, 2008

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

2nd December, 2008

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

2nd December, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 224/2008, Contracts Ref. No. CT 2430/2008. 3D Documentation of the Ħal Saflieni Hypogeum underground complex – Heritage Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is supported by a grant from Norway through the Norwegian Financial Mechanism.

(Estimated Budget: €82,600.00 including V.A.T.).

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is TUESDAY, 9th December, 2008 and not as published in the issue of the Government Gazette of FRIDAY, 17th October, 2008.

2nd December, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

This is ONLY a PRIOR INFORMATION NOTICE
for a SERVICE CONTRACT

A tender is scheduled to be published around January 2009 for the provision of ferry transport services between Malta and Gozo – Ministry for Infrastructure, Transport and Communications.

2nd December, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Dan huwa BISS *PRIOR INFORMATION NOTICE* għall-KUNTRATT TA' XOGĦLIJIET

Huwa ppjanat li tiġi ppubblikata offerta fl-2009 għal xogħlijiet ta' bini mill-ġdid u modernizzar ta' erba' sezzjonijiet tan-*network* tat-toroq TEN-T f'Malta – Awtorità Maltija dwar it-Trasport.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta sejra tkun ko-finanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-*Malta Operational Programme 1, Cohesion Policy 2007-2013 - Priority Axis 3,* Żviluppar ta' *TEN-T network*.

Il-*Prior Information Notice* tal-UE ntbagħat fil-31 ta' Ottubru 2008.

It-2 ta' Diċembru, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 219/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2331/2008. Provvista ta' tagħmir b'self ta' *column agglutination* għall-*Blood Bank* tal-Isptar Mater Dei - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-14 ta' Ottubru 2008.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jiġi mtawwal sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Jannar, 2008.

It-2 ta' Diċembru, 2008

DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Il-Kummissarju tal-Artijiet jgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 4 ta' Diċembru, 2008.

Avviż Nru. 174. Bejgħ ta' sit fi Triq San Pawl, Attard, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_36_2006. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €20,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta

Avviż Nru. 175. Bejgħ ta' sit fi Triq Jean De La Cassiere, San Pawl il-Baħar, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_14_2008_A. Dan is-sit preżentement huwa mikri lil terzi.

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

This is ONLY a PRIOR INFORMATION NOTICE for a WORKS CONTRACT

A tender is scheduled to be published in 2009 for the reconstruction and upgrading of four sections of the TEN-T road networks in Malta – Malta Transport Authority.

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is being co-financed by the European Union under the Malta Operational Programme 1, Cohesion Policy 2007-2013 - Priority Axis 3, Developing of TEN-T network.

The EU Prior Information Notice was dispatched on 31st October 20008.

2nd December, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 219/2008. Contracts Ref. No. CT 2331/2008. Supply of column agglutination for the Mater Dei Hospital Blood Bank with equipment on loan – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 14th October 2008.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 6th January 2009.

2nd December, 2008

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:-

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 4th December, 2008.

Advt. No. 174. Sale of a site in Saint Paul Street, Attard, shown edged in red on plan P.D.JO_36_2006. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €20,000 as stipulated in the tender conditions.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 175. Sale of a site in Jean De La Cassiere Street, Saint Paul's Bay, shown edged in red on plan P.D.JO_14_2008_A. This site is presently leased to third parties.

L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta

Avviż Nru. 176. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta':

(a) erba' ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€4.78) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-14 ta' Awwissu, 2022, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tat-23 ta' Ġunju, 1923, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' sit fil-limiti tas-Siġġiewi, muri bl-aħmar u mmarkat 'A' fuq pjanta P.D.JO_3_2008;

(b) disgħa u ħamsin ewro ċenteżmi (€0.59) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-14 ta' Awwissu, 2022, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tat-23 ta' Ġunju, 1923, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' sit fil-limiti tas-Siġġiewi, muri bl-aħmar u mmarkat 'B' fuq pjanta P.D.JO_3_2008; u

(ċ) sitt ewro u disgħa u tletin ċenteżmi (€6.39) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-14 t' Awwissu, 2022, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tat-23 ta' Ġunju, 1923, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, ta' sit fil-limiti tas-Siġġiewi, muri bl-aħmar u mmarkat 'Ċ' fuq pjanta P.D.JO_3_2008.

L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Dan it-*tender* hu soġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 177. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikoltura, ta' sit fil-limiti tar-Rabat, Malta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.254_2003_1.

Irid jitħallas dritt ta' €12 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tat-Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2008.

Avviż Nru. 170. Bejgħ ta' sit f'Selmun, il-Mellieħa, bl-istrutturi u l-bini li hemm mibnija fuqu, kif muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2008_516, taħt it-termini u l-kundizzjonijiet tal-abbozz ta' kuntratt anness immarkat Dokument '1'. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €150,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,000 as stipulated in the tender conditions.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 176. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of:

(a) four Euro and seventy eight cents (€4.78) per annum, for the remaining period which expires on the 14th August, 2022, as per deed in the acts of Notary Francesco Giorgio Schembri dated 23rd June, 1923, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of a site in the limits of Siggiewi, shown edged in red and marked 'A' on plan P.D.JO_3_2008;

(b) fifty nine Euro cents (€0.59) per annum, for the remaining period which expires on the 14th August, 2022, as per deed in the acts of Notary Francesco Giorgio Schembri dated 23rd June, 1923, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of a site in the limits of Siggiewi, shown edged in red and marked 'B' on plan P.D.JO_3_2008; and

(c) six Euro and thirty nine cents (€6.39) per annum, for the remaining period which expires on the 14th August, 2022, as per deed in the acts of Notary Francesco Giorgio Schembri dated 23rd June, 1923, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of a site in the limits of Siggiewi, shown edged in red and marked 'C' on plan P.D.JO_3_2008.

Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 177. Lease, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site in the limits of Rabat, shown edged in red on plan P.D.254_2003_1.

A fee of €12 will be charged for each copy of tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Tuesday, 9th December, 2008.

Advt. No. 170. Sale of a site at Selmun, Mellieħa, including the structures and building built thereon, as shown edged in red on plan P.D.2008_516, under the terms and conditions of the annexed draft deed marked Document '1'. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €150,000 as stipulated in the tender conditions.

Irid jitħallas dritt ta' €200 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 11 ta' Diċembru, 2008.

Avviż Nru. 178. Bejgħ ta' sit fuq wara tal-Fond 'Il-Qatra' Nru. 76 u l-Fond 'Chanel' Nru. 78, Triq il-Għenba, Ħ'Attard, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 18 fuq pjanta P.D.2008_93. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €400 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €12 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 179. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikoltura, ta' sit fi Triq San Ġwann, limiti ta' Ħal Għargħur, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_18_2008. Bdiewa *full-time* jingħataw preferenza. Dikjarazzjoni mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (E.T.C.), li tikkonferma li għall-anqas f'dawn l-aħħar tliett (3) snin kien/et bidwi *full-time*, trid tiġi annessa ma' kull offerta. F'każ li l-ebda bidwi *full-time* ma' jagħmel offerta, il-Gvern iżomm id-dritt li jagħti l-offerta lil kwalunkwe offerent ieħor.

Irid jitħallas dritt ta' €12 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 180. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikoltura, ta' sit fi Triq San Ġwann, limiti ta' Ħal Għargħur, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_19_2008. Bdiewa *full-time* jingħataw preferenza. Dikjarazzjoni mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (E.T.C.), li tikkonferma li għall-anqas f'dawn l-aħħar tlett (3) snin kien/et bidwi *full-time*, trid tiġi annessa ma' kull offerta. F'każ li l-ebda bidwi *full-time* ma' jagħmel offerta, il-Gvern iżomm id-dritt li jagħti l-offerta lil kwalunkwe offerent ieħor.

Irid jitħallas dritt ta' €12 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 181. Kiri tal-Ħanut N fi Blokk 5, Triq ix-Xatt, il-Gżira, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.29_87_1.

Irid jitħallas dritt ta' €12 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 18 ta' Diċembru, 2008.

Avviż Nru. 182. Bejgħ ta' sit fi Triq Sant' Anton

A fee of €200 will be charged for each copy of tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 11th December, 2008.

Advt. No. 178. Sale of a site at the back of Premises 'Il-Qatra' No. 76 and Premises 'Chanel' No. 78, Triq il-Għenba, Attard, shown edged in red and marked No. 18 on plan P.D. 2008_93. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €400 as stipulated in the tender conditions.

A fee of €12 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 179. Lease, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site in Triq San Ġwann, limits of Għargħur, shown edged in red on plan P.D.JO_18_2008. Preference will be given to full-time farmers, who are to submit a declaration by the Employment and Training Corporation (E.T.C.) confirming that he/she has been a full-time farmer for at least the last three (3) years. Government reserves the right to award tender to any other bidder if no full-time farmer submits an offer.

A fee of €12 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 180. Lease, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site in Triq San Ġwann, limits of Għargħur, shown edged in red on plan P.D.JO_19_2008. Preference will be given to full-time farmers, who are to submit a declaration by the Employment and Training Corporation (E.T.C.) confirming that he/she has been a full-time farmer for at least the last three (3) years. Government reserves the right to award tender to any other bidder if no full-time farmer submits an offer.

A fee of €12 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 181. Lease of Shop N at Block 5, Triq ix-Xatt, Gżira, shown edged in red on plan P.D.29_87_1.

A fee of €12 will be charged for each copy of tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 18th December, 2008.

Advt. No. 182. Sale of a site in Triq Sant' Anton Abbati,

Abbati, il-Mosta, muri bl-aħmar u mmarkat 'B' fuq pjanta P.D.87_2004_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €11,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 183. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' mitejn u erbgħa u tmenin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu, (€284.93) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-14 ta' Jannar, 2041, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel tal-5 ta' Frar, 1965, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Imħażen Nri. 1, 2, 3, 4 u 5, Moll tal-Braken, il-Marsa, kif murija bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_46_2007. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €11,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 184. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' tliet Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€3.49) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fit-2 ta' Frar, 2053, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Achille Micallef tat-3 ta' Frar, 1903, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Fond Nru. 18, Pjazza Antoine De Paule, Raħal Ġdid, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_536. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €5,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 185. Kiri ta' *Store* Nru. 20 (qabel Nru. 2), Triq il-Foss, Raħal Ġdid, muri bl-aħmar fuq pjanta L.D. 222/87/4.

Irid jitħallas dritt ta' €12 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Il-ħlasijiet jiġu aċċettati biss b'ċekk jew *money order*. L-offerta tkun valida biss jekk ikollha magħha t-timbru uffiċjali tad-Dipartiment.

It-2 ta' Diċembru, 2008

Mosta, shown edged in red and marked 'B' on plan P.D. 87_2004_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €11,000 as stipulated in the tender conditions.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 183. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of two hundred and eighty four Euro and ninety three cents (€284.93) per annum, for the remaining period which expires on the 14th January, 2041, as per deed in the acts of Notary John Spiteri Maempel dated 5th February, 1965, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Stores Nos. 1, 2, 3, 4 and 5 Lighters Wharf, Marsa, as shown on plan P.D.JO_46_2007. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €11,000 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 184. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of three Euro and forty nine cents (€3.49) per annum, for the remaining period which expires on the 2nd February, 2053, as per deed in the acts of Notary Achille Micallef dated 3rd February, 1903, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Premises No. 18, Antoine De Paule Square, Paola, shown edged in red on plan P.D. 2007_536. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,000 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 185. Lease of Store No. 20 (formerly No. 2) Ditch Street, Paola, shown edged in red on plan L.D. 222/87/4.

A fee of €12 will be charged for each copy of tender document.

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m. Payments are to be made only by cheque or money order. Tenders are only valid if they bear the official stamp of the Department.

2nd December, 2008

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET
U TAQSIMA TAS-SERVIZZI

Id-Direttur Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-16 ta' Diċembru 2008, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 87/08. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' ċangaturi tal-*concrete precast* għall-mogħdijiet pedonali, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' €40 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 88/08. Provvista, konsenja u kummissjunar ta' żewġ (2) vannijiet ġodda għat-trasport ta' passiġġieri lid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Kwot. Nru. 50/08. Provvista u konsenja ta' *5KVA portable generator* biex jintuża mill-Proġett għar-Rijabilitazzjoni tal-Belt Valletta.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

Kwot. Nru. 51/08. Kuntratt perjodiku għall-provvediment ta' servizzi ta' *pest control* lid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, Taqsima tas-Servizzi.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

*Kwot. Nru. 54/08. Provvista u stallazzjoni ta' *air conditioning units* għall-*Board Rooms* il-Ġodda fil-Ministeru, Blokk B, il-Furjana, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni.

*Kwotazzjoni li qed tidher għall-ewwel darba

Il-formoli tal-offerta/kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mill-*Cash Office,* Blokk 'A', il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Kull tagħrif ieħor jista' jinkiseb mit-Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri (Tel. 21221411).

It-2 ta' Diċembru, 2008

WORKS DIVISION
AND SERVICES DIVISION

The Directors General, Works Division and Services Division notify that:-

Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Works and Services Division, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 16th December 2008 for:

Advt. No. 87/08. Period contract for the supply and delivery of precast concrete paving blocks for pedestrian footways, Works Division and Services Division, Floriana.

A fee of €40 is to be charged for the procurement of each tender document.

Advt. No. 88/08. Supply, delivery and commissioning of two (2) brand new passengers' vans to the Manufacturing and Services Department, Services Division, Floriana.

A fee of €50 is to be charged for the procurement of each tender document.

Quot. No. 50/08. Supply and delivery of a 5KVA portable generator for use by the Valletta Rehabilitation Project.

A fee of €25 is to be charged for the procurement of each quotation document.

Quot. No. 51/08. Period contract for the provision of pest control services to the Manufacturing and Services Department, Services Division.

A fee of €20 is to be charged for the procurement of each quotation document.

*Quot. No. 54/08. Supply and installation of air conditioning units for the New Board Rooms at the Ministry, Block B, Floriana, Works and Services Division.

A fee of €10 is to be charged for the procurement of each quotation document.

*Quotation appearing for the first time

Forms of tender/quotation may be obtained from the Cash Office, Block 'A', Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Works Division and Services Division, Contracts and Procurement Section (Tel. 21221411).

2nd December, 2008

KORPORAZZJONI ENEMALTA

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:–

Kategorija A - Stmati bejn €6,001 - €12,000 - Jagħlqu fil-Marsa

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-17 ta' Diċembru, 2008, fil-kaxxa tal-offerti tal-Enemalta jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

TD/T/88/2008.	Provvista ta' *tubular space heaters* u *thermostats*.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Kategorija B - Stmati bejn €12,001 - €47,000 - Jagħlqu fil-Marsa

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-17 ta' Diċembru, 2008, fil-kaxxa tal-offerti tal-Enemalta jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

GN/DPS/T/4/2008.	Provvista ta' *calibration gases* u *regulators*.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Kategorija Ċ - Stmati bejn €47,001 - €412,000 - Mingħajr VAT
Jagħlqu fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-4 ta' Diċembru, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

TD/T/49/2008.	Skavar ta' xaft u kostruzzjoni ta' daħla fi Triq Ħal Tarxien, Ħal Għaxaq.

Għandu jitħallas dritt ta' €30 għal kull dokument ta' din l-offerta.

TD/T/50/2008.	Skavar ta' xaft u kostruzzjoni fi Triq il-President Buttigieg, iż-Żejtun.

Għandu jitħallas dritt ta' €30 għal kull dokument ta' din l-offerta.

ENEMALTA CORPORATION

The Chairman notifies that:–

Category A - Estimated between €6,001 - €12,000 - Closing at Marsa

Sealed tenders will be received at Enemalta's tender box up to 10.00 a.m. on Wednesday, 17th December, 2008, for:–

TD/T/88/2008.	Supply of tubular space heaters and thermostats.

A fee of €10 should be paid for each copy of this tender document.

Category B - Estimated between €12,001 - €47,000 - Closing at Marsa

Sealed tenders will be received at Enemalta's tender box up to 10.00 a.m. on Wednesday, 17th December, 2008, for:–

GN/DPS/T/4/2008.	Supply of calibration gases and regulators.

A fee of €10 should be paid for each copy of this tender document.

Category C - Estimated between €47,001 - €412,000 VAT Exclusive -
Closing at Contracts Department, Floriana

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Floriana up to 10.00 a.m. on Thursday, 4th December, 2008, for:–

TD/T/49/2008.	Excavation of shaft and construction of access at Triq Ħal Tarxien, Għaxaq.

A fee of €30 should be paid for each copy of this tender document.

TD/T/50/2008.	Excavation of shaft and construction at Triq il-President Buttigieg, Żejtun.

A fee of €30 should be paid for each copy of this tender document.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-9 ta' Diċembru, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

TD/T/14/2008.	Xogħlijiet ta' rinovar fil-Mosta DC inklużi xogħlijiet ċivili, tal-elettriku, tal-ilma u stallazzjoni ta' *network*.

Għandu jitħallas dritt ta' €100 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Għandu jitħallas *bid-bond* ta' €2,300 mal-offerti għall-avviż imsemmi hawn fuq.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-16 ta' Diċembru, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

TD/T/PC3/83/2008.	Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *insulation piercing connectors*.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull dokument ta' din l-offerta.

P/T/4/2008.	Kuntratt perjodiku għall-ġarr ta' prodotti taż-żejt fi kwantitajiet kbar bil-baħar.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Kategorija E - Stmati 'l fuq minn €600,000
- Jagħlqu fid-Dipartiment tal-Kuntratti - il-Furjana
- 3 Envelope Procedure

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-20 ta' Jannar, 2009, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

TD/T/PC3/48/2008.	Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *distribution transformers*.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Għandu jitħallas *bid-bond* ta' €5,000 mal-offerti għall-avviż imsemmi hawn fuq.

L-offerti li ma jkollhomx magħhom il-ktejjeb tekniċi relevanti u/jew kampjuni, meta jkunu mitlubin fl-ispeċifikazzjoni, jistgħu ma jiġux ikkunsidrati.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 9th December, 2008, for:–

TD/T/14/2008.	Refurbishment works at Mosta DC including civil, electrical, plumbing and network installation works.

A fee of €100 should be paid for each copy of this tender document.

A bid-bond of €2,300 is to be submitted with offer for the above tender.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 16th December, 2008, for:–

TD/T/PC3/83/2008.	Period contract for the supply of insulation piercing connectors.

A fee of €10 should be paid for each copy of this tender document.

P/T/4/2008.	Period contract for transportation of petroleum products in bulk by sea.

A fee of €10 should be paid for each copy of this tender document.

Category E - Estimated above €600,000
- Closing at Contracts Department - Floriana
- 3 Envelope Procedure

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 20th January, 2009, for:–

TD/T/PC3/48/2008.	Period contract for the supply of distribution transformers.

A fee of €50 should be paid for each copy of this tender document.

A bid-bond of €5,000 is to be submitted with offers for the above tender.

Offers unaccompanied by the relevant technical literature and/or sample, when so required in the specification may not be considered.

Il-formoli tal-offerti/kwotazzjonijiet u d-dokumenti rrelevanti kollha jistgħu jinkisbu mill-Korporazzjoni Enemalta, Bini Ċentrali tal-Amministrazzjoni Ġenerali, ix-Xatt tal-Knisja, il-Marsa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Min jibgħat offerta għandu jiftakar li l-formoli tal-offerta/kwotazzjoni jistgħu jitniżżlu mill-*website* tal-Enemalta www.enemalta.com.mt wara li jitħallas dritt *on-line* tal-ammont relattiv.

Tagħrif rigward id-deċiżjonijiet meħuda mis-Sotto Kumitat tal-Offerti tal-Kategorija B jista' jinkiseb minn fuq 22980660 għal tlett ijiem konsekuttivi wara l-ewwel pubblikazzjoni tagħhom fuq in-*notice-board* tal-Bini tal-Amministrazzjoni, il-Marsa.

It-2 ta' Diċembru, 2008

All forms of tenders/quotations and all related documents may be obtained from Enemalta Corporation, Central Administration Building, Church Wharf, Marsa on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tenderers are to note that tenders/quotation forms may also be downloaded from Enemalta Website www.enemalta.com.mt against payment on-line of the relative fee.

Information regarding decisions taken by Enemalta Tender Sub Committee regarding awards of tenders Category B can be polled on 22980660 for three consecutive working days after their first publication on the notice-board at Enemalta Administration Building, Marsa.

2nd December, 2008

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-*Chief Executive*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-9 ta' Diċembru, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/54/2008. Provvista u konsenja ta' tappieri u ċaċċiżi ta' *manholes* tal-ħadid fondut.

Għandu jitħallas dritt ta' €58.23 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. CT/WSC/T/46/2008. Ittestjar analitiku ta' kampjuni ta' ilma tax-xorb.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-10 ta' Diċembru, 2008, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 9043, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/61/2008. Kiri ta' karozzi *self-drive*.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, il-11 ta' Diċembru, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/58/2008. Bejgħ *tale quale* ta' oġġetti żejda fl-imħażen *(plastic fittings)*.

WATER SERVICES CORPORATION

The Chief Executive, Water Services Corporation, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 9th December, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/54/2008. Supply and delivery of cast iron manhole covers and frames.

A fee of €58.23 will be charged for each tender document.

Advt. No. CT/WSC/T/46/2008. Analytical testing of potable water samples.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 9043, by not later than 10.00 a.m. on Wednesday, 10th December, 2008 for:-

Advt. No. WSC/T/61/2008. Hire of self-drive cars.

A fee of €23.29 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 11th December, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/58/2008. Sale tale quale of surplus items of stores (plastic fittings).

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-17 ta' Diċembru, 2008, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 9043, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/60/2008. Provvista u konsenja ta' boltijiet, skorfini u *washers*.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-18 ta' Diċembru, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/50/2008. Kostruzzjoni ta' *Pumping Station* tad-Drenaġġ f'Wied il-Mielaħ, l-Għarb, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' €58.23 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. CT/WSC/T/59/2008. Xogħlijiet ta' bini fil-*Cartidge Filter Hall* fl-Impjant tar-*Reverse Osmosis* ta' Għar Lapsi.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Jannar, 2009, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 9043, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/62/2008. Provvista ta' *crew cab* ġdida.

Għandu jitħallas dritt ta' €23.29 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-formoli tal-offerti jistgħu jinkisbu mill-*Cash Office,* Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma, Ħal Luqa, u aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-*Procurement* u *Stores,* Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 9043, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Tagħrif rigward deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat tal-Kuntratti tal-KSI rigward Għoti/sejħiet ġodda/Tħassir ta' offerti jista' jinkiseb minn fuq 2244 3499 għal tlett ijiem ta' xogħol konsekuttivi wara li jkunu ppubblikati l-ewwel darba fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju Prinċipali tal-KSI, Ħal Luqa.

It-2 ta' Diċembru, 2008

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 9043, by not later than 10.00 a.m. on Wednesday, 17th December, 2008 for:-

Advt. No. WSC/T/60/2008. Supply and delivery of bolts, nuts and washers.

A fee of €23.29 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 18th December, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/50/2008. Construction of a Sewage Pumping Station at Wied il-Mielaħ, Għarb, Gozo.

A fee of €58.23 will be charged for each tender document.

Advt. No. CT/WSC/T/59/2008. Construction works in Cartidge Filter Hall at Għar Lapsi Reverse Osmosis Plant.

A fee of €23.29 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 9043, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 9th January, 2009 for:-

Advt. No. WSC/T/62/2008. Supply of a brand new crew cab.

A fee of €23.29 will be charged for each tender document.

Forms of tenders may be obtained from the Cash Office, Water Services Corporation, Luqa and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Procurement and Stores Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 9043, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Information regarding decisions taken by the WSC Contracts Committee regarding Awards/fresh calls/Cancellation of tenders can be polled on 2244 3499 for three consecutive working days after their first publication on the notice-board at WSC Head Office, Luqa.

2nd December, 2008

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-4 ta' Diċembru 2008, fl-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

AFM Avviż Nru. 32/08. Polza ta' assikurazzjoni ta' vetturi u makkinarju tal-Missjoni Militari Taljana – Forzi Armati ta' Malta.

AFM Avviż Nru. 33/08. *Dry cleaning* ta' uniformijiet militari – Forzi Armati ta' Malta.

Il-formoli tal-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

It-2 ta' Diċembru, 2008

ARMED FORCES OF MALTA

The Commander, Armed Forces of Malta, notifies that:–

Sealed tenders will be received by the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, up to 10.00 a.m. of Thursday, 4th December 2008, for:–

AFM Advt. No. 32/08. Insurance cover of Italian Military Mission vehicles and equipment – Armed Forces of Malta.

AFM Advt. No. 33/08. Dry cleaning of military uniforms – Armed Forces of Malta.

Tender forms and further information may be obtained from the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, during any working day between 7.00 a.m and 4.00 p.m.

2nd December, 2008

WASTESERV MALTA LTD

Iċ-*Chief Executive Officer*, WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Diċembru 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

Avviż Nru. WSM 077/2008. Kuntratt perjodiku għat-tbattil ta' reċipjenti għar-riċiklaġġ tal-iskart.

Avviż Nru. WSM 078/2008. Provvista u konsenja ta' *flue gas filter* installat fit-Thermal Treatment Facility, il-Marsa.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull dokument tal-offerta.

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Diċembru 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

Avviż Nru. WSM 079/2008. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' diversi oġġetti varji ta' Tagħmir u Ħwejjeġ Personali Protettivi.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull dokument tal-offerta.

Avviż Nru. WSM 080/2008. Provvista u konsenja ta' *fire extinguishers* ġodda u *servicing* perjodikament ta' *fire extinguishers* tal-WasteServ Malta Ltd.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull dokument tal-offerta.

WASTESERV MALTA LTD

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, by not later than noon on Friday, 5th December 2008, for:–

Advt. No. WSM 077/2008. Period contract for the emptying of waste recycling bins in Gozo.

Advt. No. WSM 078/2008. Supply and delivery of flue gas filter installed at the Thermal Treatment Facility, Marsa.

A fee of €50.00 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, by not later than noon on Friday, 12th December 2008, for:–

Advt. No. WSM 079/2008. Period contract for the provision and delivery of various items of Personal Protective Equipment and Clothes.

A fee of €50.00 will be charged for each tender document.

Advt. No. WSM 080/2008. Supply and delivery of new fire extinguishers and periodical servicing of fire extinguishers held by WasteServ Malta Ltd.

A fee of €50.00 will be charged for each tender document.

Il-formoli tal-offerti jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

It-2 ta' Diċembru, 2008

Tender forms may be obtained together with any further information required from the above-mentioned office on any working day between 9.00 a.m. and noon.

2nd December, 2008

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, il-11 ta' Diċembru 2008, fil-kaxxa tal-offerti mmarkata "A" fl-uffiċċju tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Triq Sa Maison, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 7/CSD/2002/vol 3. Provvediment ta' servizzi mediċi.

Għandu jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 633/CSD/2008. Provvista u konsenja ta' vettura li taħdem bl-elettriku.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-formoli tad-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi fl-istess Awtorità f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-2 ta' Diċembru, 2008

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box marked "A" at the office of the Malta Transport Authority, Triq Sa Maison, Floriana, up to 10.00 a.m. of Thursday, 11th December, 2008, for:-

Advt. No. 7/CSD/2002/vol 3. Provision of medical services.

A fee of €25.00 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 633/CSD/2008. Supply and delivery of an electric motor vehicle.

A fee of €50.00 is to be paid for each copy of tender document.

Forms of tender documents may be obtained from the Corporate Services Directorate of the same Authority on any working day between 8.30 a.m. and noon.

2nd December, 2008

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-10 ta' Diċembru, 2008, fil-kaxxa tal-offerti fid-Direttorat tat-Toroq, Triq Agius de Soldanis, Sta Venera, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

*Kwot. Nru. RD4. Kisi mill-ġdid ta' parti minn Triq Karmenu Vassallo, l-Iklin.

*Kwot. Nru. RD5. *Zebra crossing* fi Triq Ħaż-Żabbar, Raħal Ġdid.

*Kwot. Nru. RD6. Bdil tal-post ta' *pelican crossing* fi Triq Valletta, il-Mosta.

*Kwotazzjonijiet li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Il-formoli tad-dokumenti tal-kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mid-Direttorat tat-Toroq f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

It-2 ta' Diċembru, 2008

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed quotations will be received in the tender box at the Network Infrastructure Directorate, Triq Agius de Soldanis, St Venera, up to 10.00 a.m. of Wednesday, 10th December, 2008, for:-

*Quot. No. RD4. Resurfacing of part of Triq Karmenu Vassallo, Iklin.

*Quot. No. RD5. Zebra crossing at Triq Ħaż-Żabbar, Paola.

*Quot. No. RD6. Relocation of pelican crossing at Triq Valletta, Mosta.

*Quotations appearing for the first time

Forms of quotation documents may be obtained from the Network Infrastructure Directorate on any working day between 8.30 a.m. and noon.

2nd December, 2008

DIPARTIMENT GĦAS-SERVIZZI KORPORATTIVI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għall-Proposti

Id-Direttur, Servizzi Korporattivi, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, it-22 ta' Diċembru 2008, f'dan l-Uffiċċju jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. OPM 19/2008. Provvista u stallazzjoni ta' *automatic power factor correction unit* u xogħlijiet tal-elettriku assoċjati fil-Berġa ta' Kastilja, Valletta.

L-offerti jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastlija, Valletta, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.

Id-Dipartiment iżomm id-dritt li jirrifjuta parti minn jew l-offerta sħiħa, jew parti minn jew l-offerti kollha mitfugħa, inkluż l-aktar vantaġġuża/i.

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-2 ta' Diċembru, 2008

DEPARTMENT OF CORPORATE SERVICES,
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Call for Proposals

The Director, Corporate Services, notifies that:-

Sealed tenders will be received at this Office until 10.00 a.m. of Monday, 22nd December 2008, for:-

Advt. No. OPM 19/2008. Supply and installation of an automatic power factor correction unit and associated Electrical Works at Auberge de Castille, Valletta.

Tenders are to be collected by hand from the Department of Corporate Services, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, during working hours.

The Department reserves the right to refuse in part or in whole any or all of the tenders submitted, including the most advantageous.

Late submissions will not be considered.

2nd December, 2008

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, TRASPORT U KOMUNIKAZZJONI

Il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, il-21 ta' Jannar, 2009, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. MITI 891/2008. Preparazzjoni ta' analiżi ta' *cost-benefit* għall-Pjan ta' Azzjoni ta' Riġenerazzjoni għall-Komunitajiet tal-Kottonera Aktar B'Saħħithom - Id-dritt taċ-ċittadin għall-aċċessibilità u mobilità.

Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website:* www.mitc.gov.mt

Il-proposti għandhom jinxteħtu fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fil-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta.

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-2 ta' Diċembru, 2008

MINISTRY FOR INFRASTRUCTURE, TRANSPORT AND COMMUNICATIONS

The Ministry for Infrastructure, Transport and Communications notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Wednesday, 21st January 2009, for:

